*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti ta' seduta numru 2 tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Hamis 14 ta' Mejju 2015 fis-6:00p.m.*

1. **Prezenti :**

Kunsilliera

Kevin Barun (K.B.)
Joseph Cutajar (J.C.)
Joseph Baldacchino (J.B.)
Leanne Grech (L.G.)
Josette Busuttil (J.B.)
Herman Reuben Schiavone (H.S.)
Stanley Zammit (S.Z.)

Agent Segretarju Ezekuttiv Duncan Hall (D.H.)

Membri tal-pubbliku prezenti : 1

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1 Qari u approvazzjoni ta' minuti
2 Arisings mill-Minuti
3 Korrispondenza
4 Masterplan – Bajja s-Sabiha
5 Estensjoni ta' sejhiet ghall-offerti
6 Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv
7 Approvazzjoni ta' hlasijiet
8 Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/ interventi mill-Kunsilliera
9 Affarijiet ohra
10 Balance Sheet Finanzjarja
11 Aggornament

Is-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**2/01** **Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

02/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 1, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

02/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondata mis-Sur Hermann Schiavone il-minuti gew unanimament approvati

02/03 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**2/02** **Arisings mill-Minuti**

02/02/01 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi jinhatar rapprezentant ghall-Malta Freeport. Wara diskussjoni qasira, is-Sur Joseph Baldacchino ippropona illi s-Sur Joe Cutajar jinghata d-delega tal-Malta Freeport. Is-Sur Cutajar min-naha tieghu accetta n-nomina. Kien hemm qbil ukoll illi s-Sur Stanley Zammit kellu jissostitwixxi lis-Sur Cutajar f'kaz ta' eventwali indisponibilita' ghal xi laqghat

02/02/02 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi b'referenza ghall-kaz ta' irmiggi li kienu qieghdin jigu proposti li jsiru fil-lokalita' minn Transport Malta, f'isem il-Kunsill Lokali l-Agent Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-Sinjuri Joseph Baldacchino, Stanley Zammit u Hermann Schiavone kienu attendew ghal laqgha li matulha kienu gew diskussi proposti godda. Is-Sur Barun zied jghid illi fir-rigward, il-Kunsill Lokali kien talab pjanti aggornati sabiex ikun jista' jaghmel l-evalwazzjonijiet tieghu, liema pjanti kienu ghadhom ma waslux.

**02/03** **Korrispondenza**

02/03/01 Permezz ta' e-mail datat 11 t'April 2015, is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet waslitlu talba sabiex fi Triq San Tumas tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi t-talba li kienet waslet ma kelliex tigi milqugha u d-direzzjoni tat-traffiku kellha tibqa' l-istess.

02/03/02 Permezz ta' e-mail datat 6 ta' Mejju 2015, il-Fondazzjoni qalb it-tfal talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess sabiex hekk kif isir annwalment tigi organizzata attivita' matul ix-xhur tas-sajf. L-attivita' ghall-2015 kienet qieghda tigi proposta li tittella' nhar is-Sibt 22 u l-Hadd 23 t'Awissu.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni sabiex jilqa' t-talba u jinhargu l-permessi ghall-attivita'.

02/03/03 Permezz ta' e-mail datat 4 ta' Mejju 2015, is-Sa. Farrugia Denise-Mariella f'isem il-progett LEAP talbet li tiltaqa' mal-Kunsill Lokali sabiex isiru thejjijiet ghal eventwali hidma bejn l-istess progett u l-Kunsill Lokali.
Kien hemm qbil illi s-Sa. Leanne Grech u s-Sa. Josette Busuttil f'isem il-Kunsill Lokali kellhom izommu laqgha hekk kif mitlub sabiex tigi evalwata l-ghajnuna li jista' joffri l-Kunsill Lokali.

02/03/04 Permezz ta' e-mail datat 30 t'April 2015, is-Sur Barry Whitmore talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi bhas-snin imghoddija johrog il-permessi mehtiega

sabiex tkun tista' tittella' edizzjoni ohra tal-Malta International Challenge Marathon nhar il-21 ta' Novembru 2015.
Wara li gew evalwati d-dettalji tal-attivita', kien hemm qbil unanimu illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni.

02/03/05 Permezz ta' ittra datata 3 ta' Mejju 2015, is-Socjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birzebbuga talbet lill-Kunsill Lokali permess sabiex nhar is-Sibt 1 ta' Awissu 2015 tkun tista' tesegwixxi programm muzikali gewwa t-tejatru Grieg fil-bajja s-sabiha.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba msemmija.

02/03/06 Permezz ta' ittra datata 24 t'April 2015, is-Socjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birzebbuga talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi japprova attivita' bl-isem ta' 'Buga Fest' gewwa Wied il-Buni nhar is-Sibt 18 u l-Hadd 19 ta' Lulju 2015. Fl-istess waqt il-Kunsill Lokali gie mitlub jevalwa l-possibilita' illi l-istess ghaqda tinghat koncessjoni tuza servizz elettriku ghall-istess attivita'.
Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu johrog il-permessi mehtiega sabiex tittella' l-attivita'. Il-Kunsill Lokali kellu wkoll jaghti koncessjoni lill-imsemmija ghaqda sabiex taghmel uzu mill-provvista ta' elettriku.

02/03/07 Permezz ta' ittra datata 23 t'April 2015, is-Socjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birzebbuga talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhargu l-permessi sabiex jittella BBQ fi Triq Birzebbuga nhar il-Gimgha 24 ta' Lulju 2015.
Wara li gew evalwati d-dettalji tal-attivita', kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu johrog il-permessi mehtiega min-naha tieghu sabiex tkun tista' tittella' l-attivita'

02/03/08 Permezz ta' ittra datata 27 t'April 2015, il-Birzebbuga St.Peter's Football Club talab lill-Kunsill Lokali awtorizzazzjoni sabiex ikun jista' jutilizza parti minn Wesgha Carmelo Caruana matul ix-xhur ta' Gunju, Lulju, Awissu u Settembru 2015 bil-ghan illi jsiru attivitajiet bi skop ta' gbir ta' fondi.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni sabiex jilqa' t-talba ta' Birzebbuga St. Peter's Football Club.

02/03/09 Permezz ta' e-mail datat 19 t'April 2015, is-Sur Glen Saliba talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinghata permess sabiex kull nhar ta' erbgha u nhar ta' sibt ikun jista' jaghmel lezzjonijiet ta' fitness gewwa l-bajja s-sabiha.
Wara li giet evalwata l-proposta tas-Sur Saliba, kien hemm qbil unanimu illi sakemm l-istess Sur Saliba jikseb u jhallas il-permessi kollha mehtiega, l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

02/03/10 Permezz ta' ittri datati 20 u 23 t'April 2015, is-Sur Lawrence Micallef talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhariglu permess sabiex matul ix-xhur tas-Sajf ikun jista' jpoggi *mobile storage unit* ghall-imbrelel u deckchairs fil-bajja s-sabiha. Is-Sur Micallef talab illi l-kunsill Lokali jidentifika sit specifiku fejn l-imsemmi *unit* seta' jitpogga.
Wara li gew evalwati t-talbiet tas-Sur Micallef, il-Kunsill Lokali hass illi sabiex ikun jista' jevalwa t-talba, kellha tinghata aktar informazzjoni dwar il-unit innifsu. Is-Sur Micallef kellu ghaldaqstant jigi mitlub jelabora t-talba tieghu.

02/03/11 Permezz ta' ittra, is-Sur Carmel Farrugia f'isem il-Birzebbuga Windmills F.C. talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi ma joggezzjonax kemm il-darba l-istess

klabb ihalli lis-Sur Noel Mallia, detentur tal-karta tal-identita' numru 41672(m) jaghmel uzu minn container li Birzebbuga Windmills F.C. kellha fil-bajja s-sabiha bil-ghan illi jintuza bhala store ghal deckchairs.
Wara li giet evalwata t-talba, gie deciz illi kemm il-darba fl-imsemmi container jintrefa' materjal legalment permessibbli il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

02/03/12 Permezz ta' e-mail datat 8 t'April 2015, is-Sur Emanuel Mifsud talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhargulu permessi sabiex ikun jsita' jaghmel uzu minn parti mill-bajja s-sabiha sabiex fiha jpoggi bouncing castle kif ukoll pool.
Wara li giet evalwatat t-talba tas-Sur Mifsud, kif ukoll minhabba l-fatt li l-Kunsill Lokali kien qieghed jircievi numru ta' talbiet simili, gie deciz illi t-talba tal-istess Sur Mifsud ma kelliex tigi milqugha. Fl-istess waqt pero', kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu johrog sejha ghal espressjoni ta' interess sabiex f'siti specifici fil-bajja s-sabiha jinhargu permessi simili.

02/03/13 Permezz ta' ittra datata 6 ta' Mejju is-Sa. Carmen Farrugia talbet lill-Kunsill Lokali permess sabiex tkun tista' taghmel uzu minn parti mill-bajja s-sabiha sabiex fiha tpoggi bouncing castle.
Kien hemm qbil unanimu illi d-decizjoni mehuda fil-korrispondenza precedent kellha tapplika wkoll ghat-talba tas-Sa. Farrugia.

02/03/14 Permezz ta' e-mail datat 8 ta' Mejju 2015, il-Kunsill Lokali gie mitlub jevalwa l-possibilita' illi tinhareg no objection letter lis-Sidien tal-istabbilimenti Country Style u Corner Chef T&C fiz-zona tal-bajja s-sabiha bil-ghan illi jkunu jistghu jitpoggew imwejjed u siggijiet fuq il-bankina.
L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-materja, il-works manager tal-Kunsill Lokali kien evalwa s-sitwazzjoni u sahaq illi fl-opinjoni tieghu, kawza ta' klawsoli konflingenti fil-permessi ta' transport Malta, il-Kunsill Lokali ma' kellux jilqa' t-talba in-kwistjoni. Segwiet diskussjoni libera li matulha gew diskussi d-dettalji tal-attivita'. Finalment fuq proposta tas-Sur Stanley Zammit issekondata mis-Sur Kevin Barun, il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tinhareg l-ittra tan-no objection dment illi l-Kunsill Lokali jinghata dettalji bil-perimetri ta' fejn kienu ser jitpoggew l-imwejjed u s-siggijiet u z-zona li kienet ser tintuza ghal tali skop tigi delinejata permezz ta' *ceramic studs*.

02/03/15 Permezz ta e-mail datat 11 ta' Mejju 2015, Il-Kunsill Lokali gie mitlub jixtarr il-possibilita' illi bajja li kien hemm fiz-zona tal-Qajjenza ( quddiem l-entratura tal-Gas Division) tigi meqjusa bhala bajja li fiha jista' jsir l-ghawm taz-zwiemel.
Wara diskussjoni libera, u minhabba l-fatt illi l-imsemmija bajja kienet l-unika bajja ramlija fiz-zona, gie deciz illi l-Kunsill Lokali jitlob illi l-imsemmi ghawm taz-zwiemel ma jsirx fil-bajja identifikata. Sussegwentement, gie propost illi l-istess ghawm taz-zwiemel isir f'bajja ohra biswit is-sailing club. Is-Sindku staqsa jekk kienx ghaqli illi jigi kkonsultat il-klabb tar-regatta u l-istess sailing club dwar il-proposta. Wara diskussjoni libera gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jipproponi illi kemm il-darba ikun possibbli fil-bajja msemmija kellu jigi permess ghawm taz-zwiemel bejn is-6 u t-8 ta' filghodu u bejn is-6 u t-8 ta' filghaxija. Matul tmiem il-gimgha u f'festi pubblici ma kellu jsir ebda ghawm ta' zwiemel.

02/03/16 Permezz ta' ittra datata 30 ta' Marzu 2015, il-perit Claude Mallia, f'isem is-Sur Noel Mallia talab lill-kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi fiz-zona tal-bajja s-sabiha

matul ix-xhur tas-sajf jinhareg permess sabiex jitpogga storage unit temporanju bil-ghan illi fih jitpoggew umbrelel u sunbeds.
Gie stabbilit illi s-Sur Mallia kien diga' ser jigi akkomodat b'container li kien jappartjeni lil Birzebbuga Windmills F.C. ghax-xhur tas-sajf

**02/04** **Masterplan – Il-bajja s-Sabiha**

02/04/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar kienet harget il-permessi relatati mal-Masteplan ghal xatt is-Sajjieda.
Wara li gew evalwati l-pjanti tal-permessi approvati, il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jaghti prijoritajiet lil certi inizjativi. Ghal dan il-ghan gie deciz illi l-ewwel parti tal-progett li kellha tigi implimentata kienet dik tal-bridge li kellu jsir wara l-1 ta' Settembru 2015. Sussegwentement kellu jinghata bidu ghax-xoghol fuq il-moll.

**02/05** **Estensjoni ta' kuntratti**

02/05/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ghaz-zamma u manutenzjoni tal-latrini pubblici kien ser jiskadi nhar il-31 ta' Mejju 2015 u l-Kunsill Lokali kellu jiddeciedi jekk jestendix l-imsemmi kuntratt b'sena.
Wara diskussjoni libera fuq proposta tas-Sur Kevin Barun, issekondat mis-Sur Joseph Baldacchino, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-kuntratt in-kwistjoni jigi estiz hekk kif legalment permessibbli.

02/05/02 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ghall-gbir ta' *Mixed Household waste* kien ser jiskadi nhar it-30 ta' Gunju 2015 u l-Kunsill Lokali kellu jevalwa l-possibilita' illi jestendi l-imsemmi kuntratt b'sena. Fuq proposta tas-Sa. Leanne Grech, issekondata mis-Sur Joseph Cutajar, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-kuntratt ezistenti kellu jigi estiz.

02/05/03 Is-Sindku qal illi b'konnessjoni mal-gbir ta' skart huwa kien tal-opinjoni illi l-Kunsill Lokali ma kellux jibqa' jigbor l-iskart imhallat nhar ta' tlieta u nhar ta' Gimgha. Is-Sur Barun zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, nhar ta' tlieta kellha tingabar biss il-borza l-hadra (skart riciklabbli) filwaqt li nhar ta' gimgha ma kellux isir gbir ta' skart bil-ghan illi galadarba tigi introdotta l-iskema tal-gbir ta' skart organiku, is-servizz jigi moghti fil-gurnata msemmija. Is-Sindku sahaq illi fl-opinjoni tieghu, il-proposta ma' kelliex timmaterjalizza immedjatament izda kellha tidhol fis-sehh wara kampanja edukattiva.
Wara diskussjoni libera, is-Sur Stanley Zammit issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni ta' hames voti favur u zewg voti kontra. Fuq talba tas-Sur Joseph Baldacchino gie rregistrat il-vot li kien is-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Kevin Barun | - | Favur |
| Joseph Cutajar | - | Kontra |
| Joseph Baldacchino | - | Kontra |
| Herman Reuben Schiavone | - | Favur |
| Stanley Zammit | - | Favur |
| Leanne Grech | - | Favur |
| Josette Busuttil | - | Favur |

**02/06** **Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv**

02/06/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet intalbet l-approvazzjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, kienet inharget l-awtorizzazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali johrog sejha ghal interess sabiex jimtela' l-post ta' Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali. Ghal dan il-ghan,u sabiex tkun tista' tinhareg is-sejha, kien hemm il-htiega illi l-Kunsill Lokali jahtar bord li kien ser ikun qieghed jaghmel l-intervisti lill-kandidati prospettivi.
Kien hemm qbil illi l-imsemmi bord kellu jkun kompost mis-Sindku, il-Vici-Sindku, is-Sa. Leanne Grech, is-Sur Stanley Zammit u l-Agent Segretarju Ezekuttiv.

**02/07** **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

02/07/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda skeda ta' pagamenti (Skeda 04/2015) ghall-approvazzjoni.

Fuq mozzjoni tas-Sur Hermann Reuben Schiavone, issekondata mis-Sur Kevin Barun, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti inkluzi fi skeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**02/08** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera**

02/08/01 *Attivitajiet fil-tejatru Grieg*
Is-Sur Kevin Barun qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jevalwa l-possibilita' illi gewwa t-tejatru Grieg li kien hemm fil-bajja s-sabiha jittellghu attivitajiet bil-ghan illi z-zona tinghata aktar hajja.
Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-proposta tas-Sindku kellha tittiehed in-kunsiderazzjoni

02/08/02 *Urban Improvement Fund*
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jippjana dwar kif kien ser ikun qieghed jutilizza fondi li kien hemm disponibbli that l-iskema *Urban Improvement Fund.* Is-Sur Barun semma numru ta' inizjativi fosthom dik illi jsiru numru ta' litter bins.

02/08/03 *Haddiema Assenjati*
Is-Sur Joseph Baldacchino qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kelli jiddeciedi min kien ser ikun responsabbli mill-assenjar tax-xoghol lill-haddiema li l-Kunsill Lokali kellu assenjati mieghu.
Is-Sindku spjega lill-Kunsill Lokali illi l-Agent Segretarju Ezekuttiv kien ipprepara document sabiex fih jitnizzlu x-xogholijiet kollha mitluba lill-Kunsill Lokali u proposti mill-istess kunsill Lokali. Wara li tkun giet evalwata n-natura tax-xogholijiet mehtiega, is-Sur Hall kellu jaghmel kuntatt mal-Vici-Sindku bil-ghan illi jsir ix-xoghol ippjanat.

02/08/04 *Uzu ta' 'skart'*
Is-Sa Leanne Grech qalet kif fl-opinjoni taghha il-Kunsill Lokali kellu jniehdi kampanja eduakattiva bil-ghan illi l-pubbliku jigi mgharraf b'uzu li jista' jsir minn materjal li bosta drabi jigi kkunsidrat bhala skart u jintrema'.

Kien hemm diskussjoni libera li matulha gie deciz illi s-Sa. Grech flimkien ma l-Kunsillier Hermann Reuben Schiavone kellhom jahdmu sabiex iressqu proposti dwar il-materja ghad-diskussjoni.

02/08/05 *Gheluq tax-Xatt ghal attivitajiet matul ix-xhur tas-Sajf*

Is-Sa. Leanne Grech qalet illi fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jinghalaq ix-xatt ghat-traffiku massimu ta' darbtejn jew tliet darbiet sabiex isiru xi attivitajiet matul ix-xhur tas-Sajf. Is-Sa. Grech qalet ukoll illi kellu jsir pjan ta' *traffic management* tal-istess zona specjalment waqt il-granet tal-festa tal-lokalita'.
Filwaqt li s-Sur Stanley Zammit spjega l-iskemi tat-traffiku li kienu jigu implimentati waqt il-granet tal-festi, il-Kunsill Lokali hass illi l-proposta tal-gheluq tax-xatt sabiex isiru attivitajiet matul ix-xhur tas-sajf kellha tigi evalwata f'aktar dettall sabiex jigi diskuss l-impatt li tali inizjativa kien ser ikollha fuq it-traffiku u r-residenti tal-lokalita'.

02/08/06 *Paviment biswit l-istabbiliment BiteSize*

Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali dwar eventwali zviluppi ghal xogholijiet li kienu gew proposti fiz-zona tal-istabbiliment BiteSize.
Is-Sa. Busuttil giet infurmata illi l-imsemmi xoghol kien gie approvat minn Transport Malta.

02/08/07 *Bandli biswit l-iskola primarja*

Is-Sa Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk setax isir xi intervent sabiex titjieb is-sitwazzjoni ta' bandli kien jinstab biswit l-iskola primarja.
Is-Sindku flimkien ma uhud mill-membri tal-Kunsill Lokali spjegaw kif l-art in-kwistjoni kienet tappartjeni lill-privat u hekk kif jizzarma l-apparat ezistenti s-sid kellu dritt jiehu lura l-proprjeta' li kienet tieghu.

02/08/08 *Attivita' fil-Qajjenza*

Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm il-pjan illi matul ix-xhur tas-sajf tittella attivita' fiz-zona tal-qajjenza hekk kif kien isir fil-passat
Is-Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali ta' dettalji dwar pjanijiet ta' attivitajiet li kien hemm.

02/08/09 *Traffic Diversion fi Triq Mikiel Abela*

Is-Sa. Josette Busuttil talbet lill-Kunsill Lokali spjegazzjoni dwar l-iskema ta' traffiku ta' Triq Mikiel Abela
Is-Sur Stanley Zammit, f'isem il-Kunsill Lokali ta' spjegazzjoni dettaljata tal-iskema tat-traffiku tat-triq imsemmija.

02/08/10 *Litter Bins*

Is-Sur Hermann Reuben Schiavone qal illi f'isem il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed javvicina lill-Malta Freeport bil-ghan illi din tal-ahhar taghti donazzjoni ta' litter bins lill-Kunsill Lokali.

02/08/11 *Licenzji tal-Kummerc*

Is-Sur Hermann Reuben Schiavone talab lill-Kunsill Lokali lista' ta' licenzji tal-kummerc fil-lokalita'.
L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sur Schiavone illi l-amministrazzjoni kienet ser tghaddilu l-informazzjoni mitluba.

02/08/12 *Haddiema Assenjati*

Is-Sur Hermann Reuben Schiavone qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jaghmel talba lill-korporazzjoni ghax-xoghol u t-tahrig sabiex jizdiedu l-haddiema assenjati mal-istess Kunsill Lokali that l-iskema 'Community Work Scheme'.
Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jadotta l-proposta tas-Sur Schiavone.

02/08/13 *Sit fil-qajjenza*

Is-Sur Hermann Reuben Schiavone qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jiehu spunt mic-cirkostanzi kurrenti u jitlob lill-Gvern jara jekk tistax issir universita' gewwa sit ~~fil-qajjenza~~ [tal-Petroleum Division K.B.] u jekk le jara jekk kienx hem mil-possibilita' illi ssir xi haga ohra.
Wara diskussjoni libera, is-Sur Stanley Zammit issekonda l-proposta tas-Sur Schiavone u kien hemm votazzjoni ta' tnejn favor u hames voti kontra.

**Aggornament**

Is-Seduta spiccat fit-9:30p.m. minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar il-Hamis 21 ta' Mejju 2015 fis-6:00p.m

**Kevin Barun**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**A/Segretarju Ezekuttiv**

Data: 21/5/15